MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30/09

**It-Tlieta 6 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef Bailey – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

30.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

30.4 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2025;

30.5 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2026;

30.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

30.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja - progress
c. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
d. Proġett tal-Housing Estate - progress

30.8 Rapporti;

30.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

30.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**

**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa (5:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**30.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija mill-kunsilliera S.Caruana u M. Micallef Bailey minħabba impenji oħra personali.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 28/09 nem con.

**30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

30.3.1 Is-Sindku għamel referenza għall-ittra li kienet intbagħtet minn TM dwar sistema ta' one way ġdida fi Triq Santa Marija, fejn din kienet ser toħloq problema speċjalment fi żmien ta' festi meta ħafna toroq ikunu magħluqin minħabba l-armar. Is-Sindku propona sabiex it-triq titħalla kif inhi. Dawk preżenti qabblu ma' dak proponut mis-Sindku.

30.3.2 Is-Sindku għamel referenza għas-sitwazzjoni tal-magna tal-BCRS, fejn talab sabiex il-Kunsill jerġa' jinbgħat fuq l-aħħar email li kien bgħat.

30.3.3 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħlijiet li ser isiru tal-fence mad-dawra tal-pitch tal-football fi Ġnien Raymond Caruana, fejn il-Kunsill ġie nfurmat mingħand min ser jaħdem li jkun aħjar jekk titella' filata oħra ħalli xogħol jsir iktar b'saħħtu. Ġiet preżentata l-kwotazzjoni għal dan ix-xogħol. Dawk preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

30.3.4 Ġiet preżentata l-kwotazzjoni għal żbir ta' siġra fil-Housing Estate tal-Mitħna. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

30.3.5 Ġiet preżentata korrispondenza dwar il-korsijiet tal-Lifelong Learning. Dawk preżenti qabblu li l-Kunsill japplika biex isiru xi korsijiet ġewwa l-Gudja bħal ma sar fi snin passati.

30.3.6 Ġie preżentat ir-rapport għax-xahar ta' Diċembru 2025 preparat mill-Contracts Manager.

30.3.7 Is-Sindku għamel referenza għat-tiżjin tas-slaleb għal matul il-Ġimgħa Mqaddsa 2026 li dan isir minn tlett għaqdiet tal-lokal. Wara diskussjoni, dawk preżenti qabblu li jsir dan it-tiżjin bħas-snin ta' qabel.

30.3.8 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' tal-Karnival li ser isir nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2026, fejn propona li jieħu sehem iż-żewġ baned tal-lokal u kif ukoll tinħareġ sejħa biex l-għaqdiet jarmaw waqt din l-attivita'. Dawk preżenti qabblu ma' dak propost.

30.8.9 Ġiet preżentata l-korrispondenza bl-approvazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand TM dwar installazzjoni ta' bollards fi Vjal it-Torri.

30.8.10 Ġiet preżentata l-korrispondenza bl-approvazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand TM dwar new Traffic Management fi Triq il-Lewż u Triq Bettina.

30.8.11 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija fejn talbu sabiex jieħdu parti minn Triq tal-Lampat li taqa' taħt il-konfini tal-Gudja. Is-Sindku qal li lokalita' tal-Gudja ma tistax titlef aktar mit-toroq tagħha. Is-Sindku qal li ma jisgħtax ikun li wara 30 sena nkomplu nitilfu aktar toroq. Il-Kunsill irid iġib lura dawk it-toroq li ħadulna. Is-Sindku qal li m'għandu l-ebda nteress li jattendi għal laqgħa u l-ebda nteress biex jintalaħaq ftehim. Dawk preżenti qabblu ma' dak propost mis-Sindku.

30.8.12 Is-Sindku propona sabiex Triq Santa Marija ma' Triq Mons. Pawlu Mallia isir parti mill-iskema ta' parkeġġ irriservat. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

30.8.13 Is-Sindku għamel referenza għas-sitwazzjoni tal-karozzi tal-kiri fl-area ta' Ħal-Resqun, fejn matul il-festi tal-Milied din il-problema kienet ikbar għal fatt li f'dawn iż-żminijiet isir iktar safar.

30.8.14 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' li ser isir f'Mejju li ġej, fejn ġie proponut sabiex il-Kunsill jistieden lis-Sindki kollha li jagħmlu parti mir-Reġjun. Il-Kunsill jagħmel avviż għl dawk il-bdiewa li huma nteressati li jesebixxu l-materjal u għodod tagħhom f'din l-attivita'. Is-Sindku ssuġġeriexxa li nkellmu wkoll lill-Leon Promotions biex jgħinna f'din l-attivita.

**30.4 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2025;**

Is-Sindku preżenta r-Rapport Amministrattiv, fejn kienu preżentati x-xogħlijiet kollha li saru matul is-sena 2025 u għal ħidma li ser tkun qed titwettaq fis-sena 2026. Dan ir-rapport ġie approvat minn dawk kollha preżenti.

**30.5 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2026;**

Ġie preżentat il-Budget għas-sena 2026 wara li saret il-laqgħa Annwali tal-Lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ma kien hemm l-ebda tibdil għal fatt li għal laqgħa ma kien attenda ħadd u għalhekk ma kien hemm l-ebda suġġerimenti fuq proġetti jew xogħlijiet oħra.

**30.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

30.06.1 Il-Kunsilliera C Chetcuti għamlet referenza għall-applikazzjoni relatata mall-bini ta' krematorju fil-Gudja. Is-Sinjura Chetcuti żiedet tgħid li l-każ ser jerġa' jmur lura għand il-PA. Is-Sinjura Chetcuti talbet biex nitkellmu mall-persuna li kien qed jirrappreżenta lill-Kunsill u ninfurmawh b'din l-informazzjoni. Żiedet tgħid li r-rappreżentant tal-Kunsill ma kienx preżenti f'dawn l-aħħar seduti tal-appell.

30.06.2 Il-Kunsilliera C Chetcuti għamlet referenza għall-bollards li twaħħlu fi Triq Ħal-Resqun, fejn talbet sabiex hemm xi bollards minnhom hemm bżonn li jitressqu ftit 'l ġewwa. Is-Sindku ħa nota u ser ikun qed jara sitwazzjoni.

**30.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

**30.8 Rapporti;**

Item 30.4 u Item 30.5

30.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Il-pagamenti nru 20/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku A. Dalli u sekondata mill-Kunsilliera C. Chetcuti għall-ammont totali ta' €39,687.69 u ġiet approvata nem con.

**30.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6:15pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 5 ta' Frar 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 5 ta' Frar 2026

R. Baldacchino
ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

Mascena
ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv